# 65. Għanja lill-Bufula

Bufula ċkejkna, qalb il-weraq aħdar
tal-wied moħbija, kemm titriegħed ħelwa
il-għanja tiegħek fit-tħaxwix tas-siġar
jiżfnu maż-żiffa!

Donnha mhijiex t'għasfur, iżda ta' Rwejħa
li ssaltan f'dan il-wied, u li trid tfisser
b'sensiela twila ta' tisfir fuqani
il-ferħ tal-masġar!

Ir-rimi tal-berquq u l-ħawħ li jħammar
bħas-sħab tal-għodwa, l-qara' twil li jbajjad
bħal fomm il-mewġ, u lewn il-vjola mżewwaq
f'qaqoċċ u ġdur,

U l-weraq żgħir u ġdid f'xuxet kull siġra,
il-ġmiel tal-ilmijiet u s-sema diefi,
donnhom jitwaħdu u ġewwa l-għanja tiegħek
ifissru qalbhom.

Bufula, naf erwieħ li jixbħu lilek!
Jien naf lill-Qamar, is-saħħar tal-ljieli
li jqabbad l-ilmijiet u fuq kull werqa
jixgħel djamant;

Naf in-nixxiegħa tal-għoljiet sultana,
li tgħanni ġwejda qalb l-għeruq mikxufa,
u ġewwa l-wied titferraħ qisha sħaba
bir-ragħda magħha;

U naf il-mewġ għannej ta' xtajtiet siekta,
jitliegħeb ħlejju qalb iċ-ċagħ'q u r-ramel,
u jsus il-ħajja ġol-għerien mudlama
b'għajta fuqana!

Bufula ċkejkna, kemm hi ferriħija
il-għanja tiegħek, lanqas tebgħa waħda
ta' dieq u niket: minn ġo qalbek ħierġa
xmara ta' hena!

U sewwa sew ma nafx għaliex f'għanjietek
għandu jinħass l-ilfiq ta' qalb muġugħa;
inti f'ġenna tal-art, il-ħajja toqol
fuqek m'għabbietx;

Il-ġuħ ma jheddek qatt, u x-xogħ'l ma jgħawġek
mal-art; ta' ġensek is-sultan ma jsuqek
biex toqtol u titqattel daqs li kieku
int ma kont xejn;

Int ħielsa minn ku’ r-rbit, kollox hu xieraq
għalik, m’hemmx serq, m’hemmx żina, u l-ebda ħtija;
tiegħek int is-sultan, tiegħek int dinek
u m’għandekx għajrek!

Ah! l-ebda jum, qatt, qatt ma kellek tagħżel
bejn ħajja u mewt, il-ġieħ qatt ma sejjaħlek
biex tmut, fil-waqt li ta’ min tħobb il-għożża
ġagħlitek tgħix!

Għaliex, Bufula, l-ħajja għanet lilek
bil-ġid u l-ħlewwa, bil-ħelsien u s-sliema,
u lili ċaħdet ta’ din l-art kull hena?
għaliex? għaliex?

Tassew li l-istess Id nisġet il-ġrajja
tiegħek u tiegħi, u bil-ħaqq kollu qiegħdet
lilek fil-ġenna ta’ dal-ward u lili
fl-infern tal-ħajja?

Qalbi ma tgħidlix le, u trid tnebbaħni
li hemm xi għan mistur, għaliex inkella
kapriċċ huwa l-ħolqien u l-ħsieb u dehen
tagħbija żejda.

Ah! forsi jien ukoll għad ninża’ l-libsa
tal-lejl u n-nhar, u tal-ħtiġiet tal-ġisem,
tad-dmirijiet u r-rbit, u fuq il-ġwienaħ
ħielsa tas-sliem,

Bħalek nittajjar qalb widien u għelieqi,
u qalb l-irħula bejn is-sħab imżewqa,
u fuq il-mewġ maċ-ċief, u ħdejn il-fjamma
mal-farfett abjad,

Nifs żgħir fir-Riħ li jonfoħ ġewwa l-beraħ,
Miżruq fid-Dawl li jinżel f’qiegħ il-baħar,
Vina fil-Qalb li ġġerri ġol-ħolqien
id-demm tal-ħajja!

Fil-ġmiel ta’ dan il-wied flimkien niltaqgħu
– żewġt erwieħ ħielsa – nagħmlu dwett bil-għana;
ħlewwiet il-ġenna nduq xħin l-ewwel darba
nifhem ilsienek!

Bufula ċkejkna, qiegħed ngħid is-sewwa
inkella nhewden? Ah! l-ebda tweġiba
minnek ma nieħu ħlief tpespisa żgħira
mit-tarf ta’ fergħa,

U ħarba siekta għal ġol-lejl tas-siġar,
donnu xorta għalik jekk mit-tiswiba
tal-għanja tiegħek jiena nsoff il-għasel
inkella s-semm!